MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tad-29 ta' April, 2015

Numru. 376/2005

**Il-Pulizija**

**(Spettur Nezren Grixti)**

**vs.**

**Daniel Joe Cachia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Daniel Joe Cachia detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 494483M.

Billi akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fid-19 ta' Marzu, 2005 u sentejn qabel, gewwa Hal Balzan u bnadi ohra f'Malta f'hinijiet differenti:

a) Ukoll talli gewwa Hal Balzan kif ukoll gewwa diversi postijiet ohra f'dawn il-gzejjer kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika (Ecstasy) meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22 ta' l-1985 kif sussegwentement emendat u 40(A) u 120(A) u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza tal-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.
b) Ukoll talli kkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' club, jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu iz-zghazagh bi ksur ta' tieni proviso tas-subartikolu (2) ta' artikolu 120A tal-Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta.
c) Ukoll talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(A) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.
d) Ukoll talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu dina d-droga u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricettta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.
e) Ukoll talli minghajr il-hsieb li joqtol jew li jpoggi l-hajja ta' haddiehor f'periklu car izda biss bil-hsieb li jaghmel offiza gravi fuq il-persuna ta' PC 706 Norman Cremona persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien qed jagixxi

ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt, billi saq vettura numru JBH 416 tal-ghamla Ford Fiesta fid-direzzjoni tieghu, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volonta' tieghu.

f) Ukoll talli kkaguna feriti hafifa (sic) fuq il-persuna ta' PC 706 Norman Cremona, persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti.

g) Ukoll talli attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, lill-PC 706 Norman Cremona, persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti.

h) Ukoll talli ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' wiehed li jkun nkarigat minn servizz pubbliku jew ma halliex jew fixkel waqt li kienu qed jghamlu d-dmirijiet taghhom.

Rat li fis-seduta tas-27 ta Marzu 2006,[1] il-Prosekuzzjoni irtirat l-imputazzjonijiet "e" u "g".

Semghet ix-xhieda rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordnijiet tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), kif ukoll bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika w l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap 31) sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

[1] Ara il-verbal a fol. 8 tal-process.

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri, u li dwarhom ma hemmx kontestazzjoni bejn il-kontendenti huma s-segwenti:

1. L-Ufficjal Prosekutur u numru ta' pulizija kienu qieghdin jaghmlu *observation* gewwa Hal-Balzan, fl-inhawi tal-pjazza. Hemmhekk innutaw karozza Ford Fiesta sewda li kienet misjuqa mill-imputat, u kien hemm zewg passiggieri ohra.
2. Il-Pulizija marru jipprovaw iwaqqfuh, imma l-imputat irriversja biex jipprova jahrab minn fuq il-post. B'din il-manuvra, l-imputat accidentalment laqat lil Pulizija PC706 Norman John Cremona u waqqghu mal-art.
3. Gie mwaqqaf u wara li saret tfittxija fil-vettura, minn fejn il-gear leaver giet elevata borza bi tmienja u erbghin (48) pillola suspettati ecstacy u mizien elettroniku fil-glove compartment.
4. Minn tfittxija li saret fir-residenza tal-imputat, instabet bicca resina tal-cannabis fil-kommodina fil-kamra tas-sodda tal-imputat.
5. Fl-istqarrija tieghu,[2] l-imputat ammetta li t-tmienja u erbghin (48) pillola ecstacy kienu tieghu, li l-mizien elettroniku kien juzah biex jizen id-droga kokajina meta kien jixtriha, biex ikun cert li tawh piz tajjeb, u li r-raza tal-cannabis kienet tieghu, kien ilu xi sentejn ma juzaha.
6. Fir-relazzjoni tieghu, l-espert Xjenzat Godwin Sammut ikkonkludha hekk:[3]

   *"(a) Illi mill-estratt meheda mill-pilloli (48-il pillola) li gew analizzati ... ... instabet is-sustanza <u>3,4-Methylenedioxymethamphetamine (MDMA)</u>.* Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht it-Tielet Skeda Parti A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta.

   *(b) Illi minn swab mehud mill-mizien digitali ... ... instabu tracci tas-sustanza <u>Kokaina</u>. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*

   *(c) Illi fl-estratti mehuda mill-blokka ta' lewn kannella ... ... instabet is-sustanza <u>Tetrahydrocannabinol</u> sustanza li tigi mill-pjanta tal-Kannabis. Il-piz tal-blokki kien ta' <u>3.21 grammi</u> u l-purita kienet ta' cirka <u>5.48%</u>. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta."*

[2] Ara fol. 4 *et seq.* tal-process.
[3] Ara Dok GS a fol. 35 tal-process.

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

L-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat se jigu ikkunsidrati seriatim:

*<u>Imputazzjonijiet "a" u "b"</u>*

Fl-imputazzjoni "a", l-imputat huwa akkuzat li kellu fil-pussess tieghu d-droga ecstacy, f'cirkostanzi li juru li ma kinietx ghall-uzu esklussiv tieghu. Fl-imputazzjoni "b" huwa akkuzat li kkometta dan ir-reat fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' club, jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu iz-zghazagh.

L-imputat instab fil-pussess ta' tmienja u erbghin (48) pillola ecstacy. Pero huwa qed jghid li dawk il-pilloli kienu kollha intizi ghall-uzu personali tieghu, u ghalhekk qed jikkontesta l-imputazzjoni ta' pussess aggravat.

Fis-sentenza **Il-Pulizija v. Jason Mallia**, deciza fit-2 ta' Settembru 1999, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[4] irriteniet illi: *"Qabel xejn ghandu jigi precisat li mhux korrett li wiehed jghid li biex jikkonfigura r-reat ta' pussess bl-aggravanti kontemplata fl-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap.101 irid ikun hemm provi li juru li l-pussessur kellu l-animus li jispacca d-droga. Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni <u>mhix mehtiega</u> ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu ekslussiv tal-hati."* (enfasi ta' dik il-Qorti)

Inoltre, fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Marius Magri** deciza fit-12 ta' Mejju 2005, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[5] osservat li kawzi li jikkoncernaw imputazzjonijiet ta' pussess aggravat: *"... ... mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss)*

[4] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano.
[5] Per Imhallef Joseph Galea Debono.

*tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista' skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed (Ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio" (26.8.1998). Meta l-ammont tad-droga jkun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati (Ara Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri" (2.9.1999)."*

Issa kif huwa notorju fil-qasam tad-droga, id-doza ta' ecstacy ghal serata wahda hija ta' zewg (2) pilloli – massimu ta' tlieta (3). Fil-fatt, fl-Att dwar id-Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija) (Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta) li dahal fis-sehh fil-15 ta' April 2015, il-pussess tal-ecstacy huwa kkunsidrat li huwa ghall-uzu personali jekk ikun ta' massimu ta' zewg (2) pilloli ecstacy.[6]

Mill-*pre-sentencing report*[7], jirrizulta li l-imputat kien jabbuza mid-droga ecstacy fil-*parties*, u *"kien jiehu hafna"*. Jekk wiehed jaghti l-beneficcju tad-dubbju lill-imputat, u jikkalkula li kien jiehu tlett (3) pilloli kull *party*, dan ifisser li kellu bizzejjed pilloli biex iservuh ghal sittax (16)-il *party*. Mhux verosimili li persuna tixtri tant pilloli biex iserviha ghal tant tul ta' zmien. Ghalhekk, f'cirkostanzi normali, din il-Qorti ma kienx ikollha ezitazzjoni li ssib lill-imputat hati ta' pussess aggravat tad-droga ecstacy.

Pero, fil-kaz odjern hemm cirkostanza partikolari, li din il-Qorti bil-fors trid tohodha in konsiderazzjoni. Fl-ahhar seduta, qabel it-trattazzjoni finali, xehed l-Ufficcjal Prosekutur l-Ispettur Nezren Grixti, li kien ukoll l-ufficcjal investigatur. Fix-xhieda tieghu, l-Ufficcjal Prosekutur qal hekk:[8] *"Li nista' nghid ukoll, il-prosekuzzjoni tixtieq li kieku tista' tirtira dik l-akkuza* (imputazzjoni "a") *pero fil-fatt li nista' nghid hu li kien instab dak l-ammont. Jidher illi dak l-ammont jista' jkun il-fatt li ser jintuza biss ghall-pussess personali tieghu. Pero ghalkemm il-pulizija jiena bhala prova ma nistax nghidu, bhala opinjoni li ghalkemm xorta ma nistax nghidha, pero nixtieq forsi l-Qorti tiehu dan it-taghrif li jidher li hu kien uza biss dak l-ammont ghalih personali."*

[6] Ara Artikolu 4 tal-Att.
[7] Ezebit bhala Dok ML a fol. 115 tal-process.
[8] Ara xhieda tal-Ufficcjal Prosekutur l-Ispettur Nezren Grixti a fol. 128 *et seq.* tal-process.

Kif issottometta l-abbli difensur tal-imputat, in vista ta’ din ix-xhieda tal-Ufficcjal Prosekutur – li tefghet dubbju serju fuq it-tezi tal-istess Prosekuzzjoni – huwa difficli hafna li gudikant ikollu l-konvinciment morali fil-kamp penali biex jirrizultalu l-aggravju addebitat.

Din il-Qorti thoss li hu dover taghha li tghid li hi ma tinkoraggix dikjarazzjonijiet simili minn Ufficcjali Prosekuturi fi proceduri penali. Jekk l-Ufficcjal Prosekutur ghandu ragunijiet ghalfejn jasal ghal konkluzjoni li xi imputazzjoni dedotta kontra imputat, fattwalment ma tistax jew ma giex pruvata sal-grad rikjest fil-kamp penali, l-procedura korretta hija li jikkonsulta mal-Kummissarju tal-Pulizija u mal-Avukat Generali, u jekk ikun il-kaz jirtira formalment l-imputazzjoni, kif *del resto* gara fil-kaz odjern fir-rigward tal-imputazzjonijiet “e” u “g”, li gew irtirati mill-Prosekuzzjoni fil-bidu ta’ dawn il-proceduri

Pero minkejja r-rizervi ta’ din il-Qorti dwar il-procedura uzata mill-Ufficjal Prosekutur fil-kaz odjern, din il-Qorti ma tistax ma tatix piz lix-xhieda tieghu, li kif inghad tefghet dubbju serju fuq it-tezi tal-Prosekuzzjoni fir-rigward tal-imputazzjoni “a”. Ghaldaqstant, fid-dawl ta’ din ix-xhieda tal-Ufficcjal Prosekutur, din il-Qorti hija tal-opinjoni li l-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova l-imputazzjoni “a” sal-grad rikjest fil-kamp penali, u ghalhekk se tillibera lill-imputat minnha, kif dedotta, pero ssibu hati tar-reat kompriz u involut ta’ pussess semplici tad-droga ecstacy. Konsegwentement, il-Qorti se tillibera wkoll lill-imputat mill-imputazzjoni “b”, li hija konsegwenzjali ghall-imputazzjoni “a” kif originarjament dedotta.

*<u>Imputazzjoni “c”</u>*

Fl-imputazzjoni “c”, l-imputat huwa akkuzat li kellu fil-pussess tieghu r-raza mehudha mill-pjanta cannabis. Dan huwa ammess mill-imputat fl-istqarrija tieghu.

*<u>Imputazzjoni “d”</u>*

Fl-imputazzjoni “d”, l-imputat huwa akkuzat li abbuza bid-droga kokajina. Dan gie ukoll ammess mill-imputat fl-istqarrija tieghu, apparti li nstabu tracci ta’ kokajina fuq il-mizien digitali li kien qieghed fil-*glove compartment* tal-vettura li kien qed juza.

*Imputazzjoni “f”*

F’din l-imputazzjoni, l-imputat huwa akkuzat li kkaguna ferita hafifa fuq PC 706 Norman Cremona. Fix-xhieda tieghu, PC 706 Norman Cremona[9] jghid li hu kien hdejn il-vettura tal-imputat, meta dan ghamel manuvra biex jirriversja biex jahrab, u jghid li l-imputat *“accidentalment laqatni bil-karozza u tajjarni.”* Dan hu wkoll ammess mill-imputat fl-istqarrija tieghu.

Ghaldaqstant, il-Qorti issib lill-imputat hati ta’ offiza hafifa involontarja ai termini tal-Artikolu 226(1)(c) tal-Kodici Kriminali.

*Imputazzjoni “h”*

Din l-imputazzjoni hija li m’obdiex ordnijiet legittimi ta’ awtorita jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku.

Mill-provi jirrizulta li l-imputat ma obdiex l-ordni tal-Ispettur Grixti biex jieqaf isuq u minflok irriversja l-vettura tieghu biex jipprova jahrab minn fuq il-post.

Ghalhekk din l-imputazzjoni tirrizulta ppruvata.

[9] Ara xhieda ta’ PC706 Norman Cremona a fol. 86 tal-process.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

Il-fedina penali aggiornata tal-imputat fiha hames (5) kundanni: reat ta' serq, reat li kkaguna ferita ta' natura hafifa, reat li attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza lil Pulizija fil-qadi ta' dmirijiethom, reat ta' pussess tar-raza cannabis, u r-reati ta' ferita ta' natura gravi u ohra ta' natura hafifa.

Pussess ta' tmienja u erbghin (48) pillola ecstacy, anke jekk huwa ghall-uzu personali, huwa certament ammont sostanzjali.

Pero, mill-*pre-sentencing report* jirrizulta li fil-mori ta' dawn il-proceduri, l-imputat immatura u gheleb il-vizzju tad-droga, u llum din saret attivita tal-passat. Huwa ghandu xoghol stabbli u relazzjoni stabbli ma' tfajla u mill-provi jirrizulta li zzewweg. Ghalhekk piena ta' prigunerija effettiva mhix idonea fic-cirkostanzi u l-imputat se jinghata wkoll piena pekunjarja.

Fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2006,[10] il-Prosekuzzjoni ddikjarat *"li f'kaz ta' htija, l-imputat ghandu jibbenifika mis-Section 29 b'zewg gradi peress li kien ta' ghajnuna lill-Pulizija."* Il-Qorti tifhem li apparti li jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Prosekuzzjoni kellha f'mohhha li l-imputat jibbenifika ukoll mill-Artikolu 120A(2B) tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk, il-piena pekunarja li ghaliha l-imputat kien se jigi kkundannat se titnaqqas bin-nofs.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-imputazzjonijiet "e" u "g",

[10] Ara fol. 8 tal-process.

2. tiddikjara li l-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet “a” u “b” kif dedotti kontrih, u qed tilliberah minnhom, izda
3. wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(ii), u 120A(2B) u t-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta, u r-regolament 3(1) ta’ l-Avviz Legali 22/1985 issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjoni ta’ pussess semplici tad-droga ecstacy, liema reat huwa kompriz u involut fl-imputazzjoni “a”,
4. wara li rat l-Artikolu 8(a), it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22 (2) (b) (ii) u 29 tal-Kapitolu 101 u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939, l-Artikolu 226(c) u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet “c”, “d”, “f” u “h”.

tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ tlett (3) xhur, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta’ sentejn (2), ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u ghal hlas ta’ multa ta’ elf u tlett mitt Euro (€1,300.00), li bl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ erbghin Euro (€40.00), b’dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-1 ta’ Gunju 2015, b’dan li jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Ai termini ta’ l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta’ din is-sentenza u l-konsegwenzi f’kaz li jonqos milli josservaha, u cioe f’kaz li jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv.

Inoltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta’ tlett mija u disa’ u ghoxrin Euro u erba’ u tmenin centezmu (€329.84), - ekwivalenti ghas-somma ta’ mija u wiehed u erbghin Lira Maltija u sittin centezmu (Lm141.60) - li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b’dan li jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti tordna li d-droga u l-affarijiet konnessi maghha ezebiti jigu distrutti taht is-supervizjoni tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------